**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Jannar, 2020

Rikors numru: 176/19 AL

A B

-vs-

Avukat Dr. Christopher Chircop
u il-P.L. Jean Pierre Busuttil ġew nominati Kuraturi Deputati b'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Awwissu 2019
biex jirrapprezentaw lill-assenti minn Malta C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attur li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent ġie ammess għall-benefiċċju tal-għajnuna legali permezz ta' digriet numru 141/2017 datat 15 ta' Ġunju 2017 (dokument anness u mmarkat Dok A)

2. Illi l-kontendenti iżżewġu fil-5 ta' Marzu tas-sena 2004 ġewwa r-Reġistru Pubbliku Valletta; (dokument anness u mmarkat Dok B)

3. Illi ma tiweldux tfal minn din l-unjoni u l-partijiet infirdu de facto ġimgħat wara;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet u/jew min minnhom kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew minħabba anamolija psikoloġika serja ai termini tal-artikolu 19(1) (d);

5. Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, kien ivvizjat b'esklużjoni posittiva taż-żwieġ nnifsu jew ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa ai termini tal-artikolu (1) (f);

6. Illi l-istess esponenti għandu l-interess li ż-żwieġ kkontrattat fil-5 ta' Marzu 2004 ġewwa r-Reġistru Pubbliku jiġi dikjarat null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u għalhekk qed isir dan ir-rikors;

7. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab lill-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Marzu 2004 ġewwa r-Reġistru Pubbliku, Valletta jiġi dikjarat null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għar-raġunijiet hawn fuq indikati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil (a fol 16) illi permezz taghha esponew:

> Illi ladarba l-esponenti ma ngħataw l-ebda dettalji dwar kif jsita' jsir kuntatt mal-assenti, huma mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Semgħet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u l-assenti Yana Nikolaevna Kishenia li ġie kkontrattat fil-5 ta' Marzu 2004[1], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikoli 19(1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

Kull referenza għall-konvenuta f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenuta assenti u mhux għall-kuraturi li qegħdin jirrapreżentawha fl-assenza tagħha.

Provi

Illi r-rikorrent xehed li kien iltaqa' ma' Yana, ta' nazzjonalità Russa, fi club, hija kienet taħdem bħala 'lapdancer', u qatt ma kienu jiltaqgħu peress li hi dejjem xogħol fl-għaxijiet, u sussegwentement kienu iddeċidew li jiżżewġu, peress li l-attur kien għadu zgħir u moħħ ir-riħ. Spjega li meta żżewġu m'għamlu l-ebda festa, u żżewġu biċ-ċivil biss, u damu biss xi xhur miżżewġin flimkien, peress li lanqas biss kienu jiltaqgħu wisq bħala koppja. Kien wara li żżewweġ li l-attur kien qies il-konsegwenzi. L-attur kompla jixhed li sar jaf li hi kienet qegħda ma' ħaddiehor, u telqet mid-dar fl-istess sena li kien żżewġu u ċjoe` fl-2004. Żied igħid li qatt ma reġa' raha jew sema' b'aħbarha. Spjega li qabel ma żżewweġ kien għadu kif ħareġ mill-ħabs u mbagħad wara kien reġa' daħal il-ħabs.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u ċjoe l-Artikolu 19(1) (d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ.

"19(1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

[1] Certifikat taz-zwieg relattiv esebit a fol 6.
[2] Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta

(f) jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt ghall-att taż-żwieġ;”

Illi b’difett serju ta’ diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, (l-artikolu 19(1) (d) tal-Att dwar iż-Żwieg) il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta’ immaturita` li parti jew oħra fiż-żwieġ tista’ tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta’ dak kollu li jkunu deħlin fih il-partijiet, u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħhu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre`, l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mil-liġi.

Kif jispjega l-awtur **Bersini** “e necessaria la discrezione non tanto per l’atto in se, al momento di emmettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sareberro in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l’eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia ammetta prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravenmente alteratt o addirittura mancante, si dovra ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio”.[3]

---

[3] Bersini Francesco, Il Diritto canonico matrimoniale, (Torino, 1994) p.97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs Sharon Galea nee Gibson mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta’ Marzu 2003 (Citazzjoni Numru 484/1995/2 (RCP)).

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li: "Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring."[4]

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghall-artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ li jgħid li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita` taż-żwieġ f'dan il-kuntest, irid jiġi neċessarjament ippruvat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn għamel simulazzjoni  totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif gie spjegat  minn din il-Qorti fil-kaz Alfred Tonna vs Maria Tonna,[5] "ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-għoti tal-kunsens matrimonjali parti  jew oħra(jew it-tnejn) esternament  turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali  iżda internament u b'att pożittiv tal-volonta` tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew dejjem  b'dak l-att pożittiv tal-volonta`, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali  ghaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)."

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew  wieħed mill-elementi  essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero bl-atti tiegħu qabel u  fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda a priori ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċjoe`, issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew  hi eskludew xi wahda  jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe` saret simulazzjoni  parzjali."[6]

---

[4] Viladrich Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon law Annotated (Montreal 1993) p.686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et noe mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Ottubru 2002, (Cit. nru. 390/1999/1) (RGM).
[5] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (VDG) – 31 ta' Jannar 1996
[6] Sharon Lanzon vs Francis Attard – Prim Awla tal-Qorti Ċivili – 15 ta' Marzu 2000.

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODEJERN.</u>

Illi stabbiliti l-aspetti legali suċitati dwar l-aspett tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, din il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar il-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u s-simulazzjoni tal-kunsens, hemm differenza fina bejn waħda u l-oħra li mhux dejjem tkun faċli li tiddeċifraha. Filwaqt illi tal-ewwel tfisser li wieħed mill-konjuġi, jew ossija t-tnejn, ma fehemx x'inhuwa mistenni minnu fir-rigward ta' obbligi matrimonjali, fit-tieni, l-konjuġi, jew wieħed minnhom, minkejja li konxji tal-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żwieġ, jagħżlu li jeliminaw xi wieħed mill-obbligi.

Illi jirriżulta mill-provi prodotti, li fil-5 ta' Marzu 2004, ir-rikorrent iżżewweġ fir-Reġistru Pubbliku lill-konvenuta assenti, mingħajr ebda ċelebrazzjoni jew festin, kif normalment jiġu ċelebrati ż-żwiġijiet. Jirriżulta wkoll, mix-xiehda tar-rikorrent, li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta assenti ġo club tal-lapdancers, wara li hu kien ilu snin il-ħabs, u sussegwentement, it-tnejn iżżewġu. Għalhekk, jirriżulta li dan iż-żwieġ seħħ bl-għaġġla u mingħajr wisq ħsieb dwar dak li kienu deħlin għalih. Jirriżulta minn dak li stqarr ir-rikorrent, li hu u l-konvenuta ma tantx kienu jiltaqgħu u ma jidhirx li għexu ħajja ta' koppja miżżewġa, tant li fl-istess sena taż-żwieġ, xi xhur wara, il-konvenuta kienet telqet u r-rikorrent ma reġax raha jew iltaqa' magħha.

Din il-Qorti hija tal-fehma li dan iż-żwieġ sar frott ta' immaturita` kbira, tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi kif iltaqgħu il-koppja, fi club tal-lapdancers. Il-fatt l-attur li kien imsaħħar minn din il-mara ma kienx motiv suffiċjenti biex jaqbad u jiżżewiġha. Tenut kont ukoll li r-rikorrent kien għadu ħiereġ minn snin fejn kien qed jiskonta piena l-ħabs, ir-rikorrent ma kienx f'qagħda u sitwazzjoni li jagħraf ir-responsabbiltajiet li jimporta ż-żwieġ li daħal għalih. Ċertament, il-partijiet ma qiesux d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u ma kinux kapaċi jerfgħu l-obbligi pretizi minnhom f'ħajja miżżewġa, tant li ż-żwieġ sfaxxa wara biss ftit xhur.

Għalhekk, il-Qorti tara li ġie ppruvat li l-kunsens tar-rikorrent kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u dan iwassal konsegwentement għan-nullita` taż-żwieġ ikkuntrattat.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrent hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu (d) tal-artikolu 19(1) preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi:

Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Marzu 2004 ġewwa r-Reġistru Pubbliku huwa null u bla effett fil-liġi ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieg, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.